31989R3481

22.11.1989 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 338/7

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 3481/89 ta' l-20 ta' Novembru 1989 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-nomenklatura magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 [1] dwar in-nomenklatura tat-tariffi u ta' l-istatistika u dwar it-Tariffa tad-Dwana Komuni, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3469/89 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi, sabiex tiġi assigurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura komuni annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa neċessarju li jiġu adottati l-miżuri dwar il-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 jippreskrivi r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura komuni u dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija totalment jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi suddiviżjonijiet addizzjonali magħha u li hija stabbilita permezz ta' dispożizzjonijiet Komunitarji speċifiċi, bil-għan li jiġu applikati ta' tariffi jew miżuri oħra li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ ta' l-oġġetti;

Billi, skond ir-regoli ġenerali msemmija, l-oġġetti deskritti fl-ewwel kolonna tat-tabella annessa mar-Regolament preżenti jridu jiġu klassifikati taħt il-kodiċi NM propizji indikati fil-kolonna 2, minħabba r-raġunijiet imsemmija fil-kolonna 3;

Billi l-Kumitat tan-Nomenklatura ma tax l-opinjoni tiegħu fit-terminu stabbilit mill-president tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fl-ewwel kolonna tat-tabella annessa issa huma klassifikati fin-nomenklatura komuni skond il-kodiċi NM propizju indikat fil-kolonna 2 tat-tabella msemmija.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jobot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fl-20 ta' Novembru 1989.

Għall-Kummissjoni

Christiane SCRIVENER

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.
[2] ĠU L 337, tal-21.11.1989, p. 5.

ANNESS

Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Klassifikazzjoni tal-Kodiċi NM	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Irjus ta' l-awwista u l-partijiet t'isfel tagħha (subbassimenti) miksuba permezz tat-tneħħija tal-qoxra ta' fuq u tal-fwied, mismutin jew mgħollijin fl-ilma, imbagħad iffriżati. Dawn il-prodotti jintużaw fit-tħejjija ta' aljotti magħquda, zlazi u butir krustaċju	0306 12 90	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita skond id-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għal interpretazzjoni tan-nomenklatura komuni u permezz tal-kliem tal-kodiċi NM 0306, 0306 12 u 0306 12 90, (ara wkoll in-noti spjegatorji HS, kapitolu 3, konsiderazzjonijiet ġenerali, l-ewwel subparagrafu). Il-kodiċi NM 0511 ma jistax jiġi kkunsidrat minħabba n-nota legali 1a tal-kapitolu 5